MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 258/1986/2

**Frans Spiteri bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` Middle Sea Insurance Company Limited, li assikurat merkanzija importata mid-ditta Grech & Ellul, liema merkanzija waslet Malta fuq il-vapur "KARTHAGO" fil-11 ta' April 1985**

**Vs**

**Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi d-ditta Grech and Ellul importat gewwa Malta tank zejt tat-tip “Lubricating Oil” mill-Olanda fuq il-vapur KARTHAGO, li wasal Malta fil-hdax (11) ta’ April, 1985 (Dok. A);

Premess illi meta l-vapur gie skarikat Malta mid-ditta konvenuta The Cargo Handling Company Limited instab illi kwantita` ta’ zejt beda hiereg minn dan it-tank, u dan in-nuqqas u hsara huwa relattiv ghal poilza tal-karigku numru C 24;

Premess illi ghal dan in-nuqqas u hsara s-socjeta` assikurattrici Middle Sea Insurance Company Limited hallset lill-assigurati s-somma ta’ elfejn, mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2164.50), u ghalhekk din id-ditta assiguratrici giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-importatur;

Premess illi d-ditta konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta Grech and Ellul;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm2164.50 bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament dovut in linea ta’ danni sofferti mill-assigurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ghandha qabel xejn tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni relattiva allegata mis-socjeta` attrici fuq il-merkanzija *de quo*;

3. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti *nomine* qdew il-funzjonijiet kollha taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mil-ligi, u ghalhekk huma ma kienux responsabbli ghall-ebda nuqqas allegat;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet moghti fit-18 ta' Novembru 1986 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anthony Degaetano biex jigbor il-provi;

Rat id-digriet tat-30 ta' Jannar 1989 li permezz tieghu l-Qorti ssostitwit l-imsemmi Assistent Gudizzjarju u nnominat lil Dr. Paul Caruana Curran fl-istess inkarigu u bl-istess fakoltajiet; u liema inkarigu kien gie sospiz fl-14 ta' Jannar 1991;

Rat ukoll id-digriet tat-22 ta' April 1991 fejn gie nominat bhala perit gudizzjarju lil Dr. Marco Griscti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol 116 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 1996;

Rat in-noti prezentati mid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza s-socjeta` assiguratrici kif debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha (fol. 7), id-ditta importatrici Grech & Ellul, qed tallega li hi sofriet danni meta irrizarciet lill-assigurat taghha ghat-telf subit minn dan fil-kariku ta' *lubricating oil* importat mill-Olanda u trasportat Malta permezz tal-vapur "KARTHAGO". L-istess socjeta` attrici qed tallega wkoll illi l-htija ghal dan it-telf ghandu jkun addossat fuq is-socjeta` konvenuta *qua* kuntrattur portwali;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tiddefendi ruhha billi tghid li hi qdiet id-doveri taghha b'diligenza. Dippju, fin-Nota taghha ta' l-osservazzjonijiet (fol. 101), u mhux ukoll permezz ta' eccezzjonijiet formali, hi ssostni li hi ezenti mir-responsabilita` a tenur ta' l-Artikolu 6(3) (a) (v) u (vi) tal-Ports Ordinance 1962, kif ukoll a bazi tal-Artikolu 90 u Schedule 13 u l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966;

Fuq l-osservazzjoni illi dawn ta' l-ahhar ma tqanqlux f'nota ta' eccezzjonijiet jidher li hu ormai pacifiku illi "ghalkemm hu veru li min ikun konvenut f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu jipprezenta nota li jkun fiha migjubin l-eccezzjonijiet tieghu, dan pero` ma jfissirx illi l-istess konvenut, wara l-prezentata ta' din in-nota, ma jkunx jista' jressaq u jissolleva eccezzjonijiet ohra, anki fil-korp ta' nota ta' l-osservazzjonijiet, u huwa obbligu tal-gudikant li meta jigi biex jaqta' l-kawza, jezamina u jivvaluta l-mezzi kollha ta' difiza li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu" (**Vol. XLI P I p 48**). Il-Qorti ghalhekk behsiebha aktar 'il quddiem titratta ukoll il-punti kollha sottomessi mill-konvenuti *nomine*, kif hekk del resto ghamel il-perit legali fir-relazzjoni tieghu (fol. 116);

Il-provi kompilati jaghtu dan il-kwadru ta' dak li ssucceda mill-wasla tal-vapur sakemm il-kariku ghadda f'idejn id-ditta ricevitrici;

(a) Jirrizulta mill-polza tal-kariku (fol. 5) illi l-kariku *de quo* konsistenti fi *flexi tank* imqieghed f'*container* Numru UFCU 377095/5 tghabba '*clean on board*' il-vapur KARTHAGO;

(b) Skond ma xehed Mario Ellul, direttur tas-socjeta` importatrici (Seduta tat-2 ta' Dicembru 1992), dan il-*container* kien wiehed minn erbatax (14) il *container* importat mid-ditta tieghu permezz ta' l-imsemmi bastiment. L-ghada tal-hatt tal-kariku minn abbord irceva telefonata minghand is-socjeta` konvenuta li kien hemm perkolazzjoni ta' zejt mill-*contianer*. Dan il-fatt gie kostatat minnu meta nizel Laboratory Wharf fejn kienu stivati l-*containers*;

(c) Tony Spiteri, shipping manager mal-Bianchi Group of Companies, agenti tal-vapur, li iddepona fl-istess seduta tat-2 ta' Dicembru 1992 ikkonferma li l-*container de quo* nizel f'kundizzjoni tajba. B'danakollu ma esebixxa l-ebda *tally sheet* li hu stess kien ipprometta li hekk jaghmel;

(d) Pero` Edward Buttigieg (fol. 72), membru tat-Tally Clerks Group, ghalkemm ukoll ma esebixxa l-ebda *tally sheet*, eppure esebixxa *cargo receipt* (fol. 73) rilaxxjata mill-Cargo Handling li kienet turi r-rimarka "*All Cargo Received*". Huwa mbaghad zied josserva illi filwaqt li fuq dan id-dokument kien hemm referenza specifika ghal zewg *containers*, dak *de quo* u meritu tal-kawza ma insibu l-ebda rimarki dwaru;

(e) Il-*container* kien sigillat u dawn infethu fil-presenza ta' l-ufficjali tad-Dwana. Ara xhieda ta' Tony Saliba (fol. 72) ghal Kontrollur tad-Dwana,

(f) Irrizulta mis-*survey* kondott mill-Mediterranean Survey Bureau Limited (fol. 12) illi esternament fil-genb tal-*container* kien hekk toqba. Il-posizzjoni ta' din it-toqba kienet tikkorrispondi ghat-ticrita fir-*rubberised container* ta' gewwa fejn kien stivat iz-zejt. Ara ritratti a fol. 65 u 66 tal-process u x-xhieda ta' Edwin Mirabelli (fol. 45), Executive Director tas-socjeta` fuq indikata;

(g) Is-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Ltd, inkarigata f'dan il-kaz bhala Lloyd's agents biex jirrapportaw dwar il-hsarat ikonducew *survey* ghalihom fis-16 ta' April 1985 u filwaqt li ghamlu accertament tan-natura tad-dannu stabbilew li mill-kontenut tal-*flexi tank* intilfu sitt elef u hames mitt litru (6500 ltrs) ta' zejt jew tnejn u tletin (32) drum. Ara deposizzjoni ta' Michael Chetcuti(fol. 61), il-Condition Report tieghu (fol. 8) u x-xhieda tal-precitat Tony Saliba, rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 72);

(h) Gie stabbilit illi r-raguni tal-hsara fil-*container* u tal-kontenut tieghu kien dovut ghal "*rough handling*";

(i) Id-ditta importatrici ressqet il-*claim* taghha lis-socjeta` assiguratrici (xhieda ta' Ivan Azzopardi, impjegat fil-Claims Department tal-Middle Sea Insurance Co. Ltd., fis-seduta tas-27 ta' Novembru 1991). Dan il-*claim* seta' jitressaq fit-termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni, li prova dwarha tinsab esebita a fol. 37 - 42 tal-process. Bl-esebit ta' dan id-dokument inghatat twegiba lill-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk ikun inutili li wiehed joqghod jissofferma fuqha;

(j) Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta pproduciet bhala xhud ewlieni taghha lil Carmelo Dimech li iddepona fis-seduta tas-27 ta' Settembru 1993. Dan ix-xhud jistqarr li hu ma rax il-*container* jitnizzel minn abbord il-vapur. Rah pero` fil-bitha fejn osserva li kien hiereg iz-zejt, nizzluh minn fuq it-trakk u genbuh fuq gebla biex ma jintilifx aktar zejt. L-ghada filghodu cempel lid-ditta ricevitrici;

Mill-kumpless tal-provi li dwarhom saru s-senjalazzjonijiet appena elenkati din il-Qorti hi tal-fehma, l-istess bhal perit legali, illi s-socjeta` konvenuta ma rnexxielhiex tiddisimpenja ruhha illi l-hsara fil-*container* ma gratx b'xi att jew ommissjoni taghha. Ix-xhieda ta' Carmelo Dimech ma hi xejn konklussiva jew konvincenti. *Multo magis*, imbaghad, meta din l-istess xhieda tigi raffrontata mal-Cargo Receipt (fol. 73) rilaxxjat mill-istess socjeta bid-data

tas-26 ta' April 1985, fl-liema dokument ma hemm imnizzel l-ebda rimarki dwar il-*container* in disamina;

Il-portata ta' dan id-dokument tirrendi inutili l-esebizzjoni, o meno, tat-*tally sheet*. Dan in kwantu l-imsemmi Cargo Receipt jikkonferma mhux biss li l-kariku kollu gie ricevut mis-socjeta` konvenuta izda fuq kollox li l-*container de quo*, in vista tan-nuqqas ta' rimarki dwaru, gie ricevut f'kundizzjoni tajba. Dan idghajjef l-attendibilita` tax-xhieda ta' Carmelo Dimech li fuq l-istqarrija tieghu s-socjeta` konvenuta kkampat b'md esklussiv id-difiza taghha;

Dan s'issa dedott iwassal allura ghal din il-konsiderazzjoni ohra. Is-*survey*, abbinat ma' dak osservat mir-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana, jistabbilixxi d-dannu riskontrat li ghalih is-socjeta` attrici, *qua* surrogata, qed titlob li tigi rimborsata. Dannu li allura, in vista ta' dak stabbilit mill-Cargo Receipt, ma kienx jezisti fil-mument li l-kariku ghadda fil-konsenja tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk kienet responsabbli ghall-kura, kustodja u l-kondizzjoni tal-*container* u tal-kariku kontenut fih. Li jfisser li s-socjeta` konvenuta ma setghatx, u ma tistax, tiehu vantagg mill-fatt illi t-"*tally"* ma nstabitx u ma gietx esebita;

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk is-socjeta` attrici pproduciet provi sodisfacenti dwar in-natura tad-dannu u li dan l-istess dannu sehh meta l-kariku kien fil-pussess tas-socjeta` konvenuta u li konsegwentement l-Cargo Receipt ta' l-istess socjeta` konvenuta li l-kariku gie ricevut minnha f'kundizzjoni tajba gie temprat mill-prova maghmula bis-*survey* illi l-istess kariku ma giex hekk konsenjat lir-ricevitur fl-istess kundizzjoni tajba;

Fuq dan il-punt ma jidhirx li tinhass il-htiega li wiehed jelabora izjed. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tinvesti l-eccezzjonijiet sussidjarji mqanqla fin-nota ta' l-osservazzjonijiet. Eccezzjonijiet li fil-verita` gja gew trattati *funditus* f'bosta decizjonijiet, *ad exemplum*, "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- James Gollcher et noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001;

In linea generali l-ebda klawsola jew regolament ta' ezoneru ma jista' jehles mir-responsabilita` jekk jinstab li dak li kien responsabbli mill-oggett fdat lilu kien in kolpa;

Kif jinghad fid-decizjoni "**Paul Camilleri et noe -vs- Paolo Mifsud noe**", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957, "id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jista' qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tissejjah '*assicurazione delle colpe proprie'*." Ara fl-istess sens decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Rizzo noe -vs- Edward Ellul Sullivan noe**", Appell Kummercjali, 14 ta' Ottubru 1987;

Fuq il-kaz in partikolari hemm qbil dwar dak osservat mill-perit legali f'paragrafu 26 u 27 tar-relazzjoni tieghu. Effettivament il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta taht ir-Regolamenti referiti minnha giet mhux biss ridimensjonata izda definita bhala mhux applikabbli ghal kazijiet in ezami. Ara decizjonijiet fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- Neville Mifsud et**", Qorti tal-Kummerc, 12 ta' Ottubru 1995; "**Formosa & Camilleri Ltd -vs- Sea Malta Co. Ltd. et**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000; "**Leslie Causon noe -vs- Godwin Abela noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *nomine*, takkolji d-domandi attrici billi tiddikjara li l-istess konvenuti *nomine* huma responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-merce importata mid-ditta Grech and Ellul. Konsegwentement tikkundanna lill-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2164.50,0) ghad-danni subiti, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (21 ta' Lulju 1986).

L-ispejjez tal-prezenti proceduri huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------